MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 954/2011

**Percius Car Hire Limited**

**Vs**

**Maria Louisa Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2011 fejn il-kumpanija attrici qed titlob lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro (€354), rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBK – 213 b'konsegwenza tan-negligenza u imperizja da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-fattura.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-

gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikati bl-Avviz, u kkontestat it-talba billi qalet illi qed tirrispingi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet migjuba kontriha bhala kompletament infodnati fil-fatt u fid-dritt. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretisi huma eccessivi u jehtieg li jigu ppruvati, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Peress illi l-konvneuta naqset milli tidher ghas-seduti tat-3 ta'Ottubru, 2012, dik tal-21 ta' Novembru, 2012, dik tas-17 ta' Jannar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum tal-20 ta' Frar, 2013.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2013 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin ewro (€354) bl-imghax legali mid-dati tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------